



2024/1594

4.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 70/2024

tal-15 ta' Marzu 2024

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1594]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2111 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2112 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2113 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2114 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-test tal-għarfien tad-dħul u s-simulazzjoni tal-kapaċità li jġarrbu t-telf għal investituri mhux sofistikati prospettivi fi proġetti ta' finanzjament kollettiv ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2115 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rati ta' inadempjenza tas-self offrut fuq pjattaforma ta' finanzjament kollettiv ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2116 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u l-proċeduri għall-pjan tal-kontinwità tal-operat tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (7) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2117 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti, il-formati standard u l-proċeduri għat-trattament tal-ilmenti ⁽⁷⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

⁽¹⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 22.

⁽⁴⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 26.

⁽⁵⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 33.

⁽⁶⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 38.

⁽⁷⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 42.

- (8) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2118 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-ġestjoni tal-portafoll individwali ta' self minn fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, li jispeċifikaw l-elementi tal-metodu biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' kreditu, l-informazzjoni dwar kull portafoll individwali li għandu jiġi ddivulgat lill-investituri, u l-politiki u l-proċeduri meħtieġa fir-rigward tal-fondi ta' kontinġenza ⁽⁸⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (9) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2119 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-iskeda bl-informazzjoni ewlenija dwar l-investment ⁽⁹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (10) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2120 tat-13 ta' Lulju 2022 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards u l-formati tad-data, il-mudelli u l-proċeduri għar-rapportar ta' informazzjoni dwar proġetti ffinanzjati permezz ta' pjattaformi ta' finanzjament kollettiv ⁽¹⁰⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2121 tat-13 ta' Lulju 2022 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA fir-rigward tal-fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji ⁽¹¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (12) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2122 tat-13 ta' Lulju 2022 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar il-fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji ⁽¹²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (13) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2123 tat-13 ta' Lulju 2022 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għan-notifiki tar-rekwiżiti nazzjonali tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA ⁽¹³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (14) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bla (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1988) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

“31blb. **32022 R 2111**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2111 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 1).

⁽⁸⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 50.

⁽⁹⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 63.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 76.

⁽¹¹⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 86.

⁽¹²⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 101.

⁽¹³⁾ ĠU L 287, 8.11.2022, p. 120.

31blc. **32022 R 2112:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2112 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispesifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 5).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni għandhom jinftiehem bħala li jirreferu għall-Ftehim ŻEE.

31bld. **32022 R 2113:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2113 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 22).

31ble. **32022 R 2114:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2114 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw it-test tal-għarfien tad-dħul u s-simulazzjoni tal-kapaċità li jġarrbu telf għal investituri mhux sofistikati prospettivi fi proġetti ta' finanzjament kollettiv (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 26).

31blf. **32022 R 2115:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2115 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rati ta' inadempjenza tas-self offrut fuq pjattaforma ta' finanzjament kollettiv (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 33).

31blg. **32022 R 2116:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2116 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw il-miżuri u l-proċeduri għall-pjan tal-kontinwità tal-operat tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 38).

31blh. **32022 R 2117:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2117 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw ir-rekwiżiti, il-formati standard u l-proċeduri għat-trattament tal-ilmenti (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 42).

31bli. **32022 R 2118:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2118 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-ġestjoni tal-portafoll individwali ta' self minn fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, li jispesifikaw l-elementi tal-metodu biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' kreditu, l-informazzjoni dwar kull portafoll individwali li għandha tiġi ddivulgata lill-investituri, u l-politiki u l-proċeduri meħtieġa fir-rigward tal-fondi ta' kontinġenza (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 50).

31blj. **32022 R 2119:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2119 tat-13 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskeda bl-informazzjoni ewlenija dwar l-investiment (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 63).

31blk. **32022 R 2120:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2120 tat-13 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards u l-formati tad-*data*, il-mudelli u l-proċeduri għar-rapportar ta' informazzjoni dwar proġetti ffinanzjati permezz ta' pjattaformi ta' finanzjament kollettiv (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 76).

31bl. **32022 R 2121:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2121 tat-13 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA fir-rigward tal-fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 86).

31blm. **32022 R 2122**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2122 tat-13 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar il-fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 101).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni għandhom jinftiehemu bħala li jirreferu għall-Ftehim ŻEE.
- (b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8, il-kliem "inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" ma għandux japplika.

31bln. **32022 R 2123**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2123 tat-13 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għan-notifiki tar-rekwiżiti nazzjonali tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA (ĠU L 287, 8.11.2022, p. 120).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2, il-kliem "28 ta' Novembru 2022" għandu jinqara bħala "id-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 70/2024 tal-15 ta' Marzu 2024".

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2022/2111, (UE) 2022/2112, (UE) 2022/2113, (UE) 2022/2114, (UE) 2022/2115, (UE) 2022/2116, (UE) 2022/2117, (UE) 2022/2118 u (UE) 2022/2119 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2120, (UE) 2022/2121, (UE) 2022/2122 u (UE) 2022/2123 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċizzjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2024, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 30/2024 tat-2 ta' Frar 2024 ⁽¹⁾, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċizzjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

⁽¹⁾ ĠU L ...